# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum il-5 ta' Diċembru 2019**

Appell numru 90 tal-2019

**Il-Pulizija**
**vs**
**Josef SCHEMBRI**

Il-Qorti:

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-12 ta' Marzu 2019 fil-konfront ta' Josef SCHEMBRI, karta tal-identità bin-numru 556477M li ġie mixli in suċċint li nhar l-20 ta' Settembru 2018 għall-ħabta ta' 10:30hrs ġewwa Ħaż-Żabbar, insulenta jew hedded lil Vanessa Orsini Mercieca bi ksur tal-artikolu 339(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali; hedded li jagħmel akkuża jew ilment kontra jew malafama lil Vanessa Orsini

Mercieca permezz ta' xi network kew apparat ta' komunikazzjoni elettronika bi ksur tal-artikoli 49(b) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta; u li għamel użu ieħor mhux xieraq ta' xi network kew apparat ta' komunikazzjoni elettronika bi ksur tal-artikoli 49(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta u/jew hedded li jagħmel xi reat u dan bi ksur ta' xi network kew apparat ta' komunikazzjoni elettronika bi ksur tal-artikoli 49(a) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Permezz tas-sentenza uffiċjali, stampata u iffirmata mill-Maġistrat li ppresjediet il-kawża aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, taqra hekk:

> Rat l-akkużi u l-liġi, ossia Kap 9 Artiklu 339(1)(e), Kap 399 Artiklu 49(b), Kap 399 Artiklu 49(a)(c)
>
> Semgħet ix-xhieda imressqa quddiem il-Qorti kif indikat fil-verbal tas-seduta/i.
>
> Tilliberah mill-akkużi numri Tnejn (2), Tlieta (3) u ssibu ħati tal-akkuża numru Wieħed (1) u
>
> Rat l-imputazzjonijiet.
> Rat id-dokumenti.
> Semgħet il-provi.
> Rat l-Artikolu indikat.
>
> Jirrizulta li kien hemm komunikazzjoni bejn il-partijiet izda ma tirrizultax li kien hemm telefonata, ghalhekk it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni ma jirrizultawx.
>
> Tirrizulta l-ewwel (1) imputazzjoni anke stante li x-xhud ftakret il-perjodu ta' zmien, tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u torbot lil Josef Schembri b'garanzija personali tieghu nnifsu milli jkellem jew javvicina lil Vanessa Orsini Mercieca ghal zmien sena taht penali ta' EUR600.

3. Illi minn din is-sentenza Josef SCHEMBRI interpona appell permezz ta' rikors datat 22 ta' Marzu 2019 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti jogħġobha tirriforma s-sentenza appellata billi tilliberah mill-ewwel imputazzjoni filwaqt li tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata u dan in bażi għall-aggravju li l-Qorti tal-Maġistrati ma setgħetx tasal għal sejbien ta' ħtija in bażi għax-xiehda li kienet tagħat il-kwerelanti Orsini Mercieca.

***Ikkunsidrat : -***

4. Illi matul il-kors tat-trattazzjoni ta' dan l-appell ġie osservat li l-parti dispożittiva tas-sentenza tonqos milli tiddikjara jekk l-imputat kienx qiegħed jiġi misjub ħati o meno. Din il-Qorti intalbet sabiex tagħti s-sentenza tagħha fuq din il-preġudizzjali tan-nullita tas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati.

5. Illi meta din il-Qorti ġiet biex tanalizza sewwasew il-meritu ta' dan il-każ u fir-rigward ta' liema reati l-appellant ġie misjub ħati, din il-Qorti rat li f'dan il-każ, hemm vermament diskrepanza fis-sentenza stampata u ffirmata mill-Maġistrat li ppresjediet dik il-kawża u kif tirriżulta a fol 19 tal-proċess. Hemm ukoll diskrepanza bejn dak mitkub f'din is-sentenza u dak li l-Maġistrat kitbet *di proprio pugno* fuq il-komparixxi a fol 1 tal-proċess fis-sens li ġej.

6. Is-sentenza stampata u ffirmata kemm mill-Maġistrat kif ukoll mid-Deputat Reġistratur a fol 19 hija komposta minn żewġ paġni. Jidher

li fl-ewwel paġna, ċjoe f'paġna 19, il-Qorti kienet qegħda tikteb is-sentenza b'mod li jirrispetta d-dettami tal-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali sakemm ġiet għall-parti dispożittiva tagħha fejn wara li ddikjarat li kienet qegħda tillibera lill-imputat mit-tieni u t-tielet imputazzjoni, sabitu ħati tal-ewwel imputazzjoni u s-sentenza ma tkomplix issegwi b'mod loġiku l-parti li għandha x'taqsam mal-piena. Wieħed kien jistenna li din is-sentenza kienet se tkompli fil-paġna li kienet tmiss. Iżda mhux hekk sar.

7. Kif tqalleb il-paġna u tibda t-tieni faċċata tas-sentenza, il-Qorti, minflok tkompli bl-erogazzjoni tal-piena fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni li tagħha instab ħati, tirriproduċi dak li kien hemm miktub fuq il-komparixxi *di proprio pugno* mill-Maġistrat. Fil-fatt fit-tieni paġna l-Qorti tgħid hekk :

> Rat l-imputazzjonijiet.
> Rat id-dokumenti.
> Semgħet il-provi.
> Rat l-Artikolu indikat.
>
> Jirrizulta li kien hemm komunikazzjoni bejn il-partijiet izda ma tirrizultax li kien hemm telefonata, ghalhekk it-tieni (2) u t-tielet (3) imputazzjoni ma jirrizultawx.
>
> Tirrizulta l-ewwel (1) imputazzjoni anke stante li x-xhud ftakret il-perjodu ta' zmien, tapplika l-Artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u torbot lil Josef Schembri b'garanzija personali tieghu nnifsu milli jkellem jew javvicina lil Vanessa Orsini Mercieca ghal zmien sena taht penali ta' EUR600.

8. Jidher hawnhekk li wisq probabbli kien hemm xi *lapsus computeri*. Iżda l-problema li tinqala' b'dan il-*lapsus* hija s-segwenti :

(a) fl-ewwel paġna tas-sentenza, ir-rekwiżi tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali ma jistgħux jitqiesu li ġew osservati in kwantu l-parti li teroga l-piena għal dik l-imputazzjoni li tagħhom ġie misjub ħati ġiet imħollija barra.

(b) Imbagħad fit-tieni faċċata tas-sentenza l-imputat appellat ġie mqiegħed taħt obbligazzjoni tiegħu personali wara li fil-parti dispożittiva l-Qorti osservat "tirriżulta l-ewwel (1) imputazzjoni" mingħajr ma dik il-Qorti tgħid ukoll li kienet qegħda ssib lill-imputat **ħati** tal-ewwel imputazzjoni. Fis-sistema legali Malti, il-Qorti ta' ġustizzja kriminali trid tgħid mhux biss jekk imputazzjoni hijiex pruvata jew tirriżultax pruvata, iżda prinċipalment trid tgħid ukoll il-fatti li tagħhom l-imputat ikun qiegħed jiġi misjub **ħati**.

9. F'dan il-każ partikolari, din il-Qorti tista' tifhem dak li l-Qorti tal-Maġistrati riedet tgħid fis-sentenza tagħha. Biss dik il-Qorti kellha tirrifletti dak li hija riedet tgħid fis-sentenza tagħha b'rispett lejn id-dettami tal-Artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali, b'mod li l-ġudikabbli jkun jista' jsegwi s-sentenza mogħtija fil-kawża tiegħu b'mod loġiku. F'sentenza ta' Qorti ta' ġustizzja kriminali ma għandux ikun sentenzi mhux kompluti, jew li jiġu maqbuża xi frażijiet – aktar u aktar meta l-frażi maqbuża jkunu dawk relattivi għal sejbien ta' ħtija jew fl-erogazzjoni tal-piena. Il-ġudikabbli ma jistax jiġi kundannat għal piena in bażi għal sentenza li biex jiġu ritenuti sodisfatti r-rekwiżiti *ad validitatem* tagħha, ikun irid jgħaqqad frażijiet disġunti flimkien minn pagni differenti.

10. Il-ġurisprudenza patrija ma tippermettix li nuqqas formali u proċedurali ta' dan it-tip jiġi sanat in kwantu jolqot waħda mill-aktar partijiet importanti fis-sentenza ta' Qorti ta' Ġustizzja Kriminali u ċjoe d-dispożittiv tagħha. Dan mhux każ ta' xi dettal marġinali jew ċkejken li jista' jiġi rettifikat biex tiġi salvata s-sentenza taħt il-massima *ad salvandum actum consummatum capienda venit interpretatio omnis favorabilis.*

## ***Deċide***

Għal dawn il-motivi din il-Qorti qed tannulla s-sentenza appellata, u biex ma tipprivax lill-partijiet, u partikolarment lill-appellant mill-benefiċċju tad-*doppio esame,* qegħda tagħżel li tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Maġistrati biex tkun dik il-Qorti li terġa' tiddeċiedi l-kawża mill-ġdid skond il-Liġi.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***